**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Joseph Azzopardi**

**Kumpilazzjoni Numru: 572/15**

**Illum, 26 ta' Ottubru, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 388877M.

Akkuzat talli nhar il-5 ta' Lulju, 2015 u fil-gimghat ta' qabel, minn gewwa fond Limestone Heritage, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi:

B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. Ikkommetta serq (ta' envelopes li kienu jikkontjenu rigali ta' flus kontanti u/jew cekkijiet) liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin u bil-persuna, ghad-dannu ta' Clayton u Chanelle Farrugia, Rundolph u Yorana Penza, u Andre' Stephanie Farrugia;

2. U aktar talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 18, 267, 268, 270, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni tal-ewwel (1) akkuza u stante li l-imputat hallas kollox a saldu ta' kull pretensjoni u stante illi a rigward it-tieni (2) akkuza m'hemmx prova tal-hlas tal-multi, qed issib lill-imputat Joseph Azzopardi hati tal-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija sospizi ghal sena, filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Azzopardi l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**